Appell ippreżentat fit-28 ta’ Diċembru 2022 minn Louis Vuitton Malletier mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fid-19 ta’ Ottubru 2022 fil-Kawża T-275/21, Louis Vuitton Malletier vs EUIPO – Wisniewski

(Kawża C-788/22 P)

(2023/C 164/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Louis Vuitton Malletier SAS (rappreżentanti: P. Roncaglia u N. Parrotta, avvocati, u P.-Y. Gautier, avocat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

B’digriet tal-21 ta’ Marzu 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma kienx ammess u li Louis Vuitton Malletier SAS kellha tbati l-ispejjeż tagħha.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Braşov (ir-Rumanija) fit-23 ta’ Diċembru 2022 – Proċeduri kriminali kontra MG

(Kawża C-792/22, Energotehnica)

(2023/C 164/35)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Braşov

Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali

MG

Partijiet ċivili: LV, CRA, LCM

Parti responsabbli fid-dritt ċivili: SC Energotehnica SRL Sibiu

Domandi preliminari

1) Il-prinċipju ta’ protezzjoni tal-ħaddiema u l-prinċipju ta’ responsabbiltà tal-persuna li timpjega, stabbiliti mill-Artikolu 1(1) u (2) u mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta’ Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta’ miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ([1]), trasposta fid-dritt nazzjonali mil-Legea nr. 319/2006 a securităţii şi sănătăţii în muncă (il-Liġi Nru 319/2006 dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol), moqri fid-dawl tal-Artikolu 31(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jipprekludu leġiżlazzjoni bħal dik applikabbli fil-kawża prinċipali, [kif interpretata] b’deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali, li abbażi tagħha qorti amministrattiva tista’ tiddetermina, b’mod definittiv, fuq talba tal-persuna li timpjega u fil-kuntest ta’ proċedura kontradittorja biss mal-awtorità amministrattiva tal-Istat, il-klassifikazzjoni ta’ avveniment bħala li ma huwiex inċident fuq il-post tax-xogħol fis-sens tal-imsemmija direttiva u b’hekk tipprevjeni lill-qorti kriminali, adita kemm mill-prosekutur bl-azzjoni kriminali kontra l-ħaddiem responsabbli, kif ukoll mill-parti ċivili bl-azzjoni ċivili kontra l-istess persuna li timpjega bħala parti responsabbli fid-dritt ċivili fil-proċeduri kriminali u kontra l-impjegat tagħha, milli tipprovdi soluzzjoni differenti għal dak li jirrigwarda l-klassifikazzjoni tal-istess avveniment bħala inċident fuq il-post tax-xogħol, [klassifikazzjoni] li tikkostitwixxi element kostituttiv tar-reati fil-proċeduri kriminali (li fl-assenza tiegħu ma jista’ jkun hemm ebda responsabbiltà kriminali u lanqas responsabbiltà ċivili marbuta ma’ dik kriminali), fid-dawl tal-awtorità ta’ *res judicata* tad-deċiżjoni amministrattiva finali?

2) Fil-każ [ta' risposta] fl-affermattiv [għall-ewwel domanda], il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħhom il-qrati nazzjonali ordinarji huma marbuta bid-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali u ma jistgħux, għal din ir-raġuni u bir-riskju li jitwettaq nuqqas dixxiplinari, iħallu mhux applikata *ex officio* l-ġurisprudenza li tirriżulta mid-deċiżjonijiet imsemmija, anki jekk iqisu, fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din il-ġurisprudenza tmur kontra l-Artikolu 1(1) u (2) u l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/391, trasposta fid-dritt nazzjonali mil-Liġi Nru 319/2006, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 31(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad Valenciana (Spanja) fit-30 ta' Diċembru 2022 – Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS) vs Bernardino

(Kawża C-796/22, INSS)

(2023/C 164/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad Valenciana.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS).

Konvenut: Bernardino.

Parti oħra fil-proċedura: Lliza SL

Domandi preliminari

1) It-terminu "kondizzjonijiet tax-xogħol", previst fil-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC [1], għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi benefiċċju tas-sigurtà soċjali għall-irtirar parzjali li l-benefiċjarji tiegħu jistgħu jkunu biss il-ħaddiema full-time u mhux dawk part-time?

2) It-terminu "ħaddiema part-time", previst fil-Klawżoli 2 u 3 tad-Direttiva 97/81/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jinkludi l-ħaddiema staġjonali?

3) Il-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas tad-Direttiva 97/81/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni li teskludi lill-ħaddiema part-time mill-aċċess għall-pensjoni tal-irtirar parzjali b'kuntratt ta' sostituzzjoni, peress li din hija diskriminazzjoni mhux iġġustifikata minn raġunijiet oġġettivi, meta mqabbla mal-ħaddiema full-time?

4) Id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali [2], għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni bħal dik nazzjonali li teskludi lill-ħaddiema part-time milli jkunu benefiċjarji u għalhekk milli jkollhom aċċess għall-pensjoni tal-irtirar parzjali (bil-konklużjoni fl-istess ħin ta' kuntratt ta' sostituzzjoni), sa fejn din tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess li ma hijiex iġġustifikata minn raġunijiet oġġettivi?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5 Vol. 1, p. 215.